**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia )**

**Vs**

**Etienne Bartolo**
**Karl Vella Petroni**

Kumpilazzjoni Numru: 480/2009

Illum, 16 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Etienne Bartolo, ta' 31 sena, bin Gaetano u Yvonne nee' Agius, imwieled San Giljan fit-23 ta' Lulju 1977, u residenti f'Villa Eugenie, Apt 20, Triq Dun Gejtanu, Mannarino, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0383977M u Karl Vella Petroni, ta' 28 sena, bin Pierre nee' Turner, imwieled Pieta' fil-25 ta' Novembru 1981 u residenti f''Dar it-Tuta'', Triq il-Hwawar, Iklin, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 000382M:

1. Talli f'Lulju 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Kevin Galea;

Lil Karl Vella Petroni wahdu:

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lil Etienne Bartolo, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, meta ghad li kien jaf bl-att filwaqt li kien qieghed isir, u ghad li seta' jimpedih, hallih isir.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

Lil Etienne Bartolo

(a) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 23, 23B, 30 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Karl Vella Petroni

(c) Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 18, 42(d) u 45(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Fl-artikoli 17, 23, 23B, 30, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reat ta' frodi u li ghamlu qliegh b'qerq.

Dawn il-proceduri bdew in segwitu ghal rapport ricevut mill-Economic Crimes Unit minn Kevin John Galea fl-24 ta' Lulju, 2008.

Mill-atti jirrizulta inkontestat li fis-sena 2006 il-kumpanija Kevin Galea Company Limited inghatat inkarigu minn PBA Limited sabiex twettaq xogholijiet ta' gypsum fl-*Eyecom Nightclub* f'Paceville. Etienne Bartolo u Karl Vella Petroni huma diretturi kif ukoll shareholders tal-kumpanija PBA Limited.

Dawn ix-xogholijiet tlestew fl-20 ta' Ottubru 2006 kif pattwit u l-prezz tax-xogholijiet kien ta' madwar ghoxrin elf disa' mija u erbgha u sittin euro ekwivalenti ghal disat elef lira Maltin . Waqt ix-xogholijiet PBA Limited hallset l-ammont ta' sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro ekwivalenti ghal tlett elef lira Maltin u l-kumplament kien il-bilanc dovut.

Jirrizulta li l-bilanc ma giex saldat u ghalhekk il-kumpanija Kevin Galea Company Limited fethet proceduri civili kontra l-kumpanija PBA Limited sabiex din tal-ahhar tigi kkundannata thallas l-ammont ta' hdax-il elf seba' mija u tnejn u erbghin euro ekwivalenti ghal hamest elef u wiehed u erbghin euro ossija l-bilanc rimanenti. Billi fil-mori thallas l-ammont ta' elf mija u hamsa u sittin euro ekwivalenti ghal hames mitt lira Maltin lill-kumpanija attrici il-Qorti ikkundannat lill-kumpanija biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' ghaxart elef hames mija u tmienja u sebghin euro ekwivalenti ghal erbat elef hames mija u wiehed u erbghin liri Maltin  permezz tas-sentenza tal-14 ta' Novembru 2007 u kkundannatha wkoll thallas l-ispejjez tal-kawza. In total, is-socjeta' PBA Limited kellha thallas l-ammont ta' €13,800 lis-socjeta' Kevin Galea Company Limited.

Jirrizulta li PBA Limited sal-bidu ta' Jannar 2009 baqghet inadempjenti u s-socjeta' Kevin Galea Company Limited talbet il-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv fis-16 ta' Jannar, 2008 liema talba giet akkordata fl-istess gurnata[1]. Mill-atti jissemma wkoll mandat ta' sekwestru ezekuttiv izda dan ma giex ezebit in atti.

---

[1] A fol 34 et sequitur

Jirrizulta li bejn ix-xhur ta' April 2008 u Gunju 2008 kien hemm skambju ta' emails bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet sabiex jaslu fi ftehim bonarju sabiex isir il-hlas dovut. Fl-4 ta' Gunju, 2008 intlahaq ftehim bejn il-partijiet. Nonostante tali ftehim milhuq, il-hlas xorta wahda ma sarx. Ghalhekk Kevin Galea beda jcempel lil Etienne Bartolo biex ifakkru fil-ftehim.

Konsegwentement, Kevin Galea ftiehem mal-imputat Bartolo li jiltaqghu u Bartolo tah zewg cekkijiet bankarji mill-kont bankarju f'isem PBA Limited – cekk minnhom datat 17 ta' Lulju, 2008 intestat fuq Kevin Galea fl-ammont ta' €6,900; cekk iehor *post-dated* ghat-30 ta' Dicembru 2008 intestat ukoll fuq Kevin Galea fl-ammont ta' €6,900.

Billi c-*cheque book* kien jehtieg il-firma minn tnejn ossija mill-imputati, Kevin Galea mar jiltaqa' ma' Karl Vella Petroni li ffirmalu fuq ic-cekkijiet.

Sussegwentement fil-21 ta' Lulju 2008, Kevin Galea Company Limited ipprezenta kontro-mandat 'stante ftehim rigward hlas' li gie akkordat.

Meta Kevin Galea mar biex isarraf l-ewwel cekk gie nfurmat li l-kont bankarju minn fejn hargu c-cekkijiet kien maghluq.

Jirrizulta li l-kont inkwistjoni kien inizjalment trasferit ghal *loan account* f'isem il-kumpanija fil-11 ta' Gunju 2007 b'bilanc ta' tmintax-il elf sitt mija u hamsa u tletin euro ekwivalenti ghal tmint elef liri Maltin.

Biss pero' l-Bank kien intalab biex tinstab soluzzjoni differenti biex jithallas id-dejn tal-kumpanija PBA Limited. It-talba ntlaqghet fil-21 ta' April 2008 u infethu tlett *personal loan accounts* separati f'isem l-imputati odjerni u terza persuna.

Il-*current account* inghalaq fil-11 ta' Dicembru 2007 billi ma kienx qieghed jithaddem sew[2]. Il-klijenti kienu nfurmati anki permezz ta' korrispondenza[3].

---

[2] Xhieda ta' Joseph Borg Cardona tal-14 ta' April 2010
[3] Dok RP3 a fol 197 tal-process

Illi l-imputat Etienne Bartolo xehed li huwa flimkien mas-siehba tieghu fin-negozju Karl Vella Petroni u Joseph Azzopardi kellhom kumpanija PBA Limited. Il-kumpanija kienet qabdet lil Kevin Galea Company Limited biex jaghmlilhom xoghol ta' gypsum fil-klabb tal-kumpanija. Minhabba problem finanzjarji ma hallsux lil Kevin Galea Company Limited u ghalhekk infethet kawza civili kontra PBA Limited. L-ammont li kien dovut thallas mid-depozitu li sar mill-VAT fir-registru tal-Qorti u gie zbankat minn Kevin Galea. Il-ftehim kien li kellhom jigbru somma sostanzjali mid-dipartiment tal-VAT u se jaghtih post-dated cheques biex huwa jsarraf malli jsir id-depozitu mid-dipartiment. Jixhed li ma kienx jaf li l-kont inkwistjoni kien gie maghluq mill-Bank. Jghid li dejjem agixxa ghan-nom tal-kumpanija. Jikkonferma li kien hem ukoll mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet tal-kumpanija u tal-klabb, kif ukoll mandat ta' qbid fuq fuq l-ghamara tal-klabb. Huwa gharaf il-firem tieghu fuq ic-cekkijiet ezebiti.

Huwa spjega li kien inghata skeda mid-dipartiment ta' meta kienu se johorgu r-rifuzjonijiet. Il-ftehim kien li malli jitnehhew il-mandati, jigu rilaxxjati l-kontijiet ghaliex kien wasal iz-zmien biex id-dipartiment jiddepozita u b'hekk kienu jissarfu c-cekkijiet. Izda d-dipartiment zamm il-pagamenti.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, li hija proprju kkonfermata mix-xhieda tal-istess imputat, huwa kien spjega li PBA Limited kellha numru ta' kredituri li Kevin Galea Company Limited kienet wahda minnhom. L-imputat Bartolo flimkien mal-imputat l-iehor ghamlu arrangamenti fejn qasmu l-kredituri tal-kumpanija fejn kull wiehed se jkun qieghed ihallas il-krediti.

Karl Vella Petroni wkoll irilaxxja stqarrija li bazikament tikkombaca mal-versjoni moghtija minn Etienne Bartolo. Fix-xhieda tieghu Karl Vella Petroni jikkonferma li l-kumpanija PBA Limited kellha thallas il-bilanc li kien fadal lil Kevin Galea Company Limited tax-xoghol li kien sar. Jixhed li wara l-kawza civili mirbuha minn Kevin Galea Company Limited bdew isiru trattattivi bejn il-partijiet dwar kif kien se jsir il-hlas. Ftehmu imbaghad li Kevin Galea jwaqqa' l-mandat ta' sekwestru, jaghtuh zewg post-dated cheques biex jissarfu meta jigu depozitati l-flus

tal-VAT mid-dipartiment. Id-dati tac-cekkijiet hargu skont id-data li kellhom jigu depozitati r-rifuzjoni tal-VAT. Kellhom jircievu €34,000 li sa dakinhar tax-xhieda ma kienux thallus kollha. Il-kreditu lejn Kevin Galea Company Limited gie saldat billi l-istess Kevin Galea talab li l-ammont dovut jigi zbankat mill-ammonti depozitati. Huwa ma kienx jaf li l-kont kien inghalaq mill-Bank u huwa dejjem innegozja f'isem il-kumpanija.

Kevin Galea Company Limited fetah kawza ghall-istralc tal-kumpanija PBA Limited.

Il-prosekuzzjoni tallega li ghalkemm Kevin Galea Company Limited zbankat l-ammont, eventwalment intalab mill-Qorti biex jerga' jiddepozitahom. Meta xehdet Eunice Grech Fiorini[4] xehdet li d-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud iddepozita l-ammont ta' €9,850.95 (liema ammont kien dovut lis-socjeta' sekwestrata PBA Limited). Fl-10 ta' April 2013 l-ammont ta' €9,457.66 gie zbankat minn Dr Borg ghan-nom tal-kumpanija Kevin Galea Company Limited. Mir-ricerka li saret mid-deputat registratur tas-subbasti dan l-ammont ma giex depozitat lura l-qorti anki ghaliex kieku kien jerga' jidhol fl-istess cedola.

Illi **l-ewwel punt** li jehtieg li jigi trattat hija l-eccezzjoni sollevata mid-difiza li l-imputati gew akkuzati f'isimhom personali u mhux fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija PBA Limited meta l-istess imputati dejjem agixxew f'isem l-istess kumpanija u anki l-kawza miftuha civilment kienet kontra PBA Limited inkluz il-mandati ezekuttivi li segwew.

Illi bhala stat ta' fatt jirrizulta li d-debitu kien dovut mill-kumpanija, li l-kont li minnu nhargu c-cekkijiet huwa intestat f'isem il-kumpanija u li l-imputati jinsistu li agixxew dejjem f'isem il-kumpanija. Madankollu referenza ssir ghas-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simon Kris Enriquez**[5]

*"Illi, riferenza sejra ssir ghad-decizjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Martin Pillow, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 2011, fejn inghad is-segwenti:*

[4] Assistent Registratur fil-Qrati Civili u Tribunali li xehdet fis-seduta tal-20 ta' April 2015
[5] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-9 ta' April, 2014

*"Ghar-rigward tat-tieni aggravju, il-frazi "bhala Managing Director Pillow Frames Ltd." tinsab fost id-dettalji li inghataw tal-imputat bhala indikazzjoni li rresponsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioe inkwantu direttur ta' socjeta' kummercjali*[6]*. Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kienx hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'*[7]*. F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi gja kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Ic-citazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement avviso a comparire u hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post, hin u partikolaritajiet tal-imputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi akkuzat.*[8] *Fil-kaz ta' llum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tac-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghdha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali*[9]*. Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti -- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint".*

Illi abbazi ta' dawn l-insenjamenti li l-Qorti tqis li huma applikabbli ghall-kaz odjern, l-eccezzjoni sollevata mill-imputati qeghda tigi michuda.

Illi **inkwantu ghall-mertu** jinghad li d-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi

[6] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Artikolu 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310(A), 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali)
[7] 2 Ara Appelli Inferjuri: Pulizija vs. Joseph Bonnici, 26/5/1995; Pulizija vs. Carmel Camilleri, 5/11/2004; Pulizija vs. Joseph Vella, 2/2/2006.

[8] Ara inter alia Appell Inferjuri: Pulizija vs. Joseph Vella, supra.
[9] Ara artikolu 13 tal-Kapitolu 249

rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna[10].

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[11].

Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei[12] *artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

Antolisei jkompli jghid pero li *nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[13].

Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[14].

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[15]

*Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett*

[10] Ara s-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Fountain et deciza fil-15 ta' Dicembru 2011
[11] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata.
[12] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356
[13] Op cit pagna 357
[14] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997.
[15] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011

*passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....".*** *Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

a. *b'mezzi kontra l-ligi, jew*
b. *billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
c. *ta' kwalifiki foloz jew*
d. *billi jinqeda b'qerq iehor u*
e. *ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali***

***fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa **"l'elemento del'danno patrimoniale"** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "**I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : **"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): **"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha***

***telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi inkwantu ghall-mertu tal-kaz, referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Debono:**[16]

*"Illi sentenza fejn il-fattispecje taghha kienu jirrigwardaw proprju cekk mhux onorat hija dik moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuele Vella deciza fl-20 ta' Gunju 1997 fejn il-Qorti stqarret:*

*"Issa dak li ghamel l-appellant cioe' li hareg cekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm certament kien hemm l-element tal-qerq ma jistax jinghad li f'dana il-kaz induca lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih." Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana in-ness huwa ukoll mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309.*

*F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tat-truffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma jaghmel jew jonoqs milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz."*

Mehud in kunsiderazzjoni l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni abinati mal-gurisprudenza u l-insenjamenti fuq citati, huwa evidenti li l-kwistjonijiet bejn il-parte civile u l-imputati hija wahda purament ta' indole civili. L-elementi necessarji li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex jissussisti r-reati addebitati fil-konfront tal-imputati huma neqsin. F'dan il-kaz ma rrizultaw li saru l-ebda raggiri fil-konfront ta' Kevin Galea jew xi qliegh b'qerq iehor. Dan billi fl-ewwel lok kien hemm ftehim bejn il-partijiet; u fit-tieni lok, jirrizulta li cekk minnhom kien datat 17 ta' Lulju 2008 mentri l-kontro-mandat intalab fil-21 ta' Lulju 2008 u kwindi l-istess Kevin Galea kien ukoll fl-obbligu li jmur isarraf l-istess cekk sabiex jivverifika kienx hemm il-fondi u dan ladarba fil-versjoni moghtija minnu c-cekk kellu jissarraf f'dak iz-zmien.

[16] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-14 ta' Lulju 2010

Inoltre' filwaqt li l-prosekuzzjoni sostniet li l-gwadann kien it-tnehhija tal-mandati ezekuttivi minn Galea, fil-fatt ma ntweriex b'din it-tnehhija xi gwadann effettivament kien hemm. Bla ebda dubju t-titolu ezekuttiv (ossija s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili) baqa' jitgawda mill-istess Kevin Galea Company Limited. Jista' jigi argumentat li l-istess kumpanija kienet ghadha ma thallsitx tax-xoghol ezegwit minnha izda dan l-istat ta' fatt kien jezisti ferm qabel ma hargu l-istess cekkijiet li ma gewx onorati. Fi kliem il-Qorti fil-kawza supracitata **Il-Puizija vs George Debono** liema argument japplika wkoll ghall-kaz odjern:

*"Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana in-ness huwa ukoll mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309.*

*F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenjzali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tat-truffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz."*

In vista li din il-Qorti mhux qeghda ssib li sehh xi reat isegwi ghalhekk li l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Karl Vella Petroni wahdu ma tistax tissussisti lanqas.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni sollevata mill-imputati, ma ssibx lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant tilliberahom mill-istess.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat